MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## EDWINA GRIMA

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 472/2004

**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma**
**f'isimha proprju u ghan-nom ta'l-Enemalta**

**vs**

**Costantino Gouder**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta' Marzu, 2004, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta' seba' mija u hamsa u sebghin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm775.62) rappresentanti kontijiet pendenti ghall-konsum ta'l-ilma u kera ta' meter ta'l-ilma u ghall-konsum ta'l-elettriku u kera ta' meter ta'l-elettriku, li jammontaw ghal Lm364.73 dovuti fil-fond 102A, St. Nicholas Street, Valletta skond kont numru 090509490 u d-dokumenti annessi ma'l-avviz (Dokument WSC1 u WSC2) u l-ammont ta' Lm410.89 dovuti fil-fond 11A, Flat 1, Eagle Street, Valletta skond il-kont numru 100287220 u d-dokumenti annessi ma'l-avviz (WSC3 u WSC4).

Bl-ispejjez, inkluzi Lm16 spejjez ta’l-ittra ufficjali tal-15 ta’ Dicembru 1999 u bl-imghaxijiet kummercjali kontra l-konvenut, ingunt ghas-subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-Korporazzjoni attrici sabiex l-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-14 ta’ Jannar 2005, meta gew pprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lll-Korporazzjoni attrici s-somma ta’ seba’ mija u hamsa u sebghin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm775.62), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali datata 15 ta’ Dicembru 1999 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------